# KAPITOLU 6*

## ORDINANZA DWAR IL-ĦATRA GĦAL KARIGI JEW BENEFIZZJI EKKLESJASTIĊI MINN POTENZA BARRANIJA

*Biex tag]mel disposizzjonijiet dwar il-]atra g]al karigi jew benefizzji ekklesjasti`i minn Potenza barranija.*

(13 ta' Jannar, 1838)#

*Saret ligi bl-ORDINANZA PROMULGATA BIL-PROKLAMA NRU. I TA 'l-1838, kif emendata bl-Avvi\ Legali 46 ta 'l-1965.*

Titolu fil-qosor.

**1.** Din l-Ordinanza tista' tissejjaħ l-Ordinanza dwar il-Ħatra għal Karigi jew Benefizzji Ekklesjastiċi minn Potenza barranija.

Validità tal-preżentazzjoni, kollazzjoni jew ħatra għal kariga jew benefizzju ekklesjastiku minn Potenza barranija. *Emendat: A.L. 46 ta 'l-1965.*

**2.** Jekk favur persuna ssir minn Potenza barranija, jew bis-saħħa ta' att li jidher bħala maħruġ minn Potenza barranija, preżentazzjoni, kollazzjoni jew ħatra għal kariga jew benefizzju ekklesjastiku f'Malta, dik il-preżentazzjoni, kollazzjoni jew ħatra, ma jkunux validi sakemm ma jiġux approvati mill-Prim Ministru.

Hatra mill-Arċisqof ta' Malta ta' ekonomu ta' kariga jew benefizzju battal. *Emendat: A.L. 46 ta 'l-1965.*

**3.** Fiż-żmien li jkunu battala karigi jew benefizzji ekklesjastiċi f'Malta, li għalihom il-preżentazzjoni, il-kollazzjoni jew il-ħatra kienet soltu ssir minn Potenza barranija, il-ħatra li, f'dawn il-każijiet, kienet soltu ssir, ta' ekonomu jew ekonomi biex jiġbru u jamministraw il-frottijiet li, kieku dik il-kariga jew benefizzju ma kinux battala, kienu jkunu jmissu lill-possessur ta' dik il-kariga jew benefizzju, għandha ssir, bil-kunsens u bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, mill-Arċisqof ta' Malta, jew mill-Vigarju Kapitolari *pro tempore*:

mill-Prim Ministru *per lapsum temporis.*

Iżda jekk l-Arċisqof hawn fuq imsemmi, jew il-Vigarju Kapitolari ta' Malta, fi żmien ħmistax-il ġurnata milli titbattal il-kariga jew il-benefizzju, ma jipproponix lill-Prim Ministru persuna jew persuni approvati minn dan ta' l-aħħar, il-ħatra ssir mill-Prim Ministru waħdu; u l-ekonomu jew l-ekonomi hekk maħtura jkunu responsabbli lejn il-persuna jew persuni li, wara, jiġu legalment imdaħħlin, skond din l-Ordinanza, f'dik il-kariga jew benefizzju, bl-istess mod bħal ma l-ekonomu jew ekonomi maħtura mill-Arċisqof jew mill-Vigarju Kapitolari ta' Malta, matul iż-żmien li l-kariga jew il-benefizzju jkunu battala, huma issa, b'liġi responsabbli.

---

**Ara* l-Ordinanza dwar l-Estensjoni ta' Privileġġi għall-Isqof ta' Għawdex (Kapitolu 15).
#*Ara* Gazzetta tal-Gvern Nru. 1415 tas-17 ta' Jannar, 1838.